I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 846/2009

ta' 1 ta' Settembru 2009

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 li jistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1260/1999 [1], u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 44, u l-Artikolu 59(6), l-Artikolu 66(3), l-Artikolu 69(1), l-Artikolu 70(3), l-Artikolu 72(2), l-Artikolu 74(2) u l-Artikolu 76(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra ir-Regolament (KE) Nru 1080/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1783/1999 [2], u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(2) u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 13 tiegħu,

Billi:

(1) L-esperjenza miksuba mill-bidu tal-perjodu tal-ipprogrammar 2007-2013 'l hawn uriet il-ħtieġa li ċerti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-interventi tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni jkunu ssimplifikati u ċċarati.

(2) Fid-dawl ta' emendi reċenti għar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u għar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 rigward ċerti dispożizzjonijiet relatati mal-ġestjoni finanzjarja ta' programmi operattivi u l-eliġibbiltà ta' investiment fl-effiċjenza fl-enerġija u fl-enerġija rinovabbli fid-djar rispettivament, huwa neċessarju li ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1828/2006 [3] jiġu allinjati ma' dawk ir-Regolamenti.

(3) Diversi inkonsistenzi ġew identifikati fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 matul l-applikazzjoni tiegħu. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, huwa xieraq li dawn l-inkonsistenzi jiġu eliminati.

(4) Peress li xi whud mir-rekwiżiti ta' informazzjoni u ta' pubbliċità kienu diffiċli biex jiġu applikati għal ċerti tipi ta' ħidmiet fil-prattika u għaldaqstant kienu ta' piż amministrattiv sproporzjonat għall-benefiċjarji, huwa xieraq li jkun hemm lok għal aktar flessibilità. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, rekwiżiti aktar flessibbli għandhom japplikaw ukoll għal ħidmiet u attivitajiet li diġà ġew magħżula għall-kofinanzjament mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006.

(5) Huwa neċessarju li jiġi kkjarifikat li fil-każ tal-Objettiv ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea, ċerti responsabilitajiet tal-awtorità ta' ġestjoni relatati mar-regularità tal-operazzjonijiet u tan-nefqa fir-rigward tar-regoli nazzjonali u dawk Komunitarji japplikaw ukoll għall-kontrolluri maħtura skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(6) Huwa neċessarju li jiġi ċċarat li r-rapport u l-opinjoni annwali ta' kontroll kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-għeluq u r-rapport ta' kontroll finali għandhom ikopru l-programm sħiħ u kull nefqa tal-programm eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali fl-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea.

[1] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

[2] ĠU L 210, 31.7.2006, p. 1.

[3] ĠU L 371, 27.12.2006, p. 1.

(7) Fid-dawl tal-esperjenza miksuba mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri fir-rigward tal-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 tal-11 ta' Lulju 1994 dwar irregolaritajiet u l-ħlas lura ta' ammonti mħallsa ħażin in konnessjoni mal-finanzjament tal-politika strutturali u l-organizzazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni f'dan il-qasam [1], il-proċeduri ta' rappurtaġġ fuq segwitu ta' irregolaritajiet għandhom ikunu ssimplifikati. Barra minn dan, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv impost fuq l-Istati Membri huwa neċessarju li jiġi ddeterminat b'mod aktar preċiż liema informazzjoni teħtieġ il-Kummissjoni. Għal dak il-għan, informazzjoni dwar ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati u dwar l-ammonti aggregati relatati mal-irregolaritajiet irrappurtati għandhom ikunu inklużi fid-dikjarazzjoni annwali li għandha tiġi sottomessa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006.

(8) Il-proċeduri għal rappurtaġġ dwar ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati għandhom b'mod preċiż jirriflettu l-obbligazzjonijiet tal-Istati Membri stipulati fl-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u b'mod partikolari l-obbligazzjoni biex jiġi żgurat twettiq effettiv tal-irkupri. Huwa xieraq ukoll li jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' kif il-Kummissjoni twettaq monitoraġġ tal-konformità ma' dawk l-obbligazzjonijiet sabiex isiru aktar effiċjenti u ta' nefqa effettiva.

(9) Skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 għandu jkun iddikjarat b'mod ċar li l-awtorità ta' ċertifikazzjoni hija responsabbli li żżomm ir-reġistri tal-kontijiet kompluti inkluż, b'mod partikolari, referenzi għall-ammonti rrappurtati lill-Kummissjoni bħala irregolari skont l-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006.

(10) Sabiex tiġi żgurata ċirkulazzjoni effiċjenti ta' informazzjoni li tikkonċerna irregolaritajiet u biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet ta' punti ta' kuntatt differenti huwa xieraq li b'kooperazzjoni mal-Istati Membri d-dispożizzjonijiet jinġabru f'Artikolu wieħed.

(11) Huwa neċessarju li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja bl-għanjuna mill-Fondi billi l-interazzjoni bejn l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja u l-awtoritajiet ta' ġestjoni tiġi ssimplifikata u ssir aktar flessibbli. Barra minn dan, sabiex jiġu mmitigati d-diffikultajiet involuti mid-distanza kbira tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, huwa xieraq li jiżdied il-limitu għall-ispejjeż ta' ġestjoni għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja li joperaw f'dawk ir-reġjuni.

(12) Huwa wkoll xieraq li jiġi ċċarat li dawk l-intrapriżi u l-proġetti mmirati lejn żoni urbani appoġġjati mill-istrumenti ta' inġinerija finazjarja m'humiex esklużi milli jirċievu għotja minn programm operattiv.

(13) Sabiex jiġu ffaċilitati l-interventi fis-settur tal-akkomodazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, għandha tiġi pprovduta aktar flessibilità fir-rigward tal-kriterja għall-għażla taż-żoni u l-eliġibbiltà ta' dawk l-interventi.

(14) Huwa xieraq li jiġu ċċarati r-regoli tal-eliġibbiltà tal-ispejjeż imħallsa mill-awtoritajiet pubbliċi li ma jifformawx parti mill-għajnuna teknika fejn l-awtorità pubblika nnifisha hija benefiċjarju tal-programmi operattivi skont l-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea.

(15) Peress li l-Artikolu 7(4)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 jistipula regoli għall-kalkolu tal-ispejjeż indiretti, għandha tiġi evitata l-applikazzjoni tar-regoli paralleli stabbiliti mill-Artikolu 52 tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006. Madankollu, sabiex jitħarsu aspettattivi leġittimi, huwa xieraq li tinżamm il-possibilità għall-Istati Membri li japplikaw dawk ir-regoli għall-ħidmiet skont il-programmi tal-objettiv għall-kooperazzjoni territorjali Ewropea li kienu magħżula qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(16) Huwa neċessarju li tiġi ssimplikata u allinjata l-informazzjoni fil-lista ta' dejta dwar il-ħidmiet għall-iskop ta' spezzjonijiet dokumentali u spezzjonijiet fuq il-post ma' dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 kif ukoll mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(17) Huwa xieraq li tiġi pprovduta aktar flessibilità għal teħid każwali statistiku ta' kampjuni f'każ ta' ħidmiet li jkopru popolazzjoni ta' daqs żgħir.

(18) Skont l-Artikolu 78(4) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 huwa possibbli li tiġi inkluża n-nefqa għal proġett maġġuri fid-dikjarazzjoni ta' nefqa qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq proġett maġġur. Għalhekk huwa xieraq li titħassar ir-riferenza lid-dikjarazzjoni tan-nefqa li tikkonċerna proġetti maġġuri fiċ-ċertifikat tan-nefqa li jkun mal-pagamenti proviżorji skont l-Artikolu 78 ta' dak ir-Regolament.

(19) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, huwa xieraq li jitħassar ir-rekwiżit għal rappurtaġġ dwar it-tqassim annwali tan-nefqa totali li tkun iċċertifikata eliġibbli mid-dikjarazzjoni ta' nefqa għal pagament proviżorju u pagament tal-bilanċ, li għandu biss relevanza limitata.

(20) Huwa neċessarju li l-informazzjoni meħtieġa tiġi armonizzata fid-dikjarazzjoni ta' nefqa għal għeluq parzjali mal-informazzjoni meħtieġa fid-dikjarazzjoni ta' nefqa għal pagament proviżorju u pagament tal-bilanċ.

(21) Sabiex il-mekkaniżmi ta' rappurtaġġ jitjiebu, huwa neċessarju li r-rekwiżiti għar-rapporti annwali u finali jkunu ċċarati. B'mod partikolari, huwa xieraq li jiġu ċċarati l-użu tal-indikaturi u r-rekwiżiti fir-rigward tal-informazzjoni dwar l-użu tal-Fondi, u li tiġi speċifikata l-informazzjoni meħtieġa għal proġetti maġġuri u għal miżuri ta' informazzjoni u ta' pubbliċità.

(22) L-esperjenza wriet ukoll li hu neċessarji li jiġi ċċarat il-kontenut u titnaqqas il-firxa ta' informazzjoni mitluba fil-kuntest ta' applikazzjonijiet għal proġetti maġġuri.

[1] ĠU L 178, 12.7.1994, p. 43.

(23) Ir-Regolament (KE) Nru 1828/2006 għandu għaldaqstant jiġi emendat skont dan.

(24) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Fondi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1828/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 8 tal-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza qed tinbidel b' dan li ġej:

"L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 għandha minn ta' lanqas timla 25 % mill-plakka."

(b) qed jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fejn mhux possibbli li titqiegħed plakka permanenti ta' spjegazzjoni fuq oġġett fiżiku kif imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, għandhom jittieħdu miżuri xierqa oħra sabiex il-kontribuzzjoni tal-Komunità tkun ippubbliċizzata."

(2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fl-ewwel paragrafu, is-sentenza tal-bidu qed tinbidel b'dan li ġej:

"Il-miżuri kollha ta' informazzjoni u pubbliċità pprovduti mill-awtoritajiet ta' ġestjoni u benefiċjarji u immirati lejn il-benefiċjarji, benefiċjarji potenzjali u l-pubbliku għandhom jinkludu dan li ġej:"

(b) qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Fejn miżura ta' informazzjoni jew ta' pubbliċità tippromwovi diversi ħidmiet li jkunu ko-finanzjati minn aktar minn Fond wieħed, ir-riferenza pprovduta fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu m'għandhiex tkun meħtieġa."

(3) L-Artikolu 13 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Awtorità ta' ġestjoni u kontrolluri"

(b) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Il-verifiki li għandhom jitwettqu mill-awtorità ta' ġestjoni skont l-Artikolu 60(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, jew minn kontrolluri rilevanti maħtura mill-Istati Membri fil-każ ta' programmi bl-objettiv għal kooperazzjoni territorjali Ewropea skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, għandhom ikopru, kif xieraq, aspetti amministrattivi, finanzjarji, tekniċi u fisiċi tal-ħidmiet."

(c) il-paragrafi 3 u 4 huma mibdula b'dan li ġej:

"3. Fejn jitwettqu verifiki fil-post skont punt (b) tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 fuq bażi sampliċi għal programm operattiv, l-awtorità ta' ġestjoni, jew il-kontrolluri rilevanti fil-każ ta' programmi bl-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, għandha/għandhom iżommu rekords li jiddeskrivu u jiġġustifikaw il-metodu tat-teħid ta' kampjuni u jidentifikaw il-ħidmiet jew tranżazzjonijiet magħżula għal verifikazzjoni.

L-awtorità ta' ġestjoni, jew il-kontrolluri rilevanti fil-każ tal-programmi bl-objettiv Ewropew għal kooperazzjoni territorjali, għandha/għandhom tiddetermina/ jiddeterminaw id-daqs tal-kampjun sabiex tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli rigward il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet marbuta magħhom, billi tqis il-livell ta' riskju identifikat mill-awtorità ta' ġestjoni, jew mill-kontrolluri rilevanti, kif xieraq, għat-tip ta' benefiċjarji u ħidmiet ikkonċernati. L-awtoritajiet ta' ġestjoni jew il-kontrolluri rilevanti għandhom jirrevedu l-metodu tat-teħid ta' kampjuni kull sena.

4. L-awtorità ta' ġestjoni, jew il-kontrolluri rilevanti fil-każ tal-programmi bl-objettiv għal kooperazzjoni territorjali Ewropea, għandha/għandhom tistabbilixxi/ jistabbilixxu standards u proċeduri miktuba għall-verifiki li saru skont il-paragrafu 2 u għandha żżomm/għandhom iżommu rekords għal kull verifika, waqt li tiddikjara/jiddikjaraw ix-xogħol imwettaq, id-data u r-riżultati tal-verifika, u l-miżuri meħuda fir-rigward tal-irregolaritajiet skoperti."

(4) Fl-Artikolu 14, qed jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Fir-rekords miżmuma b'konformità mal-Artikolu 61(f) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, kull ammont relatat ma' irregolarità rrappurtata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament għandha tiġi identifikata min-numru ta' riferenza attribwit lil dik l-irregolarità jew bi kwalunkwe metodu xieraq ieħor."

(5) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Għall-programmi tal-objettiv għal kooperazzjoni territorjali Ewropea, ir-rapport ta' kontroll annwali u l-opinjoni għandhom ikopru l-programm shih u n-nefqa kollha tal-programm eliġibbli għall-kontribuzzjoni mill-ERDF."

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Għal programmi tal-objettiv għal kooperazzjoni territorjali Ewropea, id-dikjarazzjoni ta' għeluq u r-rapport ta' kontroll annwali għandhom ikopru l-programm shih u n-nefqa shiha tal-programmi eliġibbli għal kontribuzzjoni mill-ERDF."

(6) L-Artikolu 20 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) is-sentenza tal-bidu hija mibdula b'din li ġejja:

"Sal-31 ta' Marzu 2010 u sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tibgħat dikjarazzjoni lill-Kummissjoni, skont il-format stipulat fl-Anness XI, li tidentifika kull assi prijoritarju tal-programm operattiv:"

(ii) il-punt (b) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(b) l-ammonti rkuprati li tnaqqsu mid-dikjarazzjonijiet ta' nefqa li ġew sottomessi matul is-sena preċedenti;"

(iii) qed jiżdied il-punt (d) li ġej:

"(d) lista tal-ammonti li fis-sena preċedenti kien ġie ddikjarat li ma jistgħux jiġu rkuprati jew li m'humiex mistennija li jiġu rkuprati, ikklassifikati skont is-sena li fiha ġew maħruġa l-ordnijiet ta' rkupru."

(iv) qed jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"Għall-iskopijiet ta' punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu pprovduti ammonti aggregati relatati mal-irregolaritajiet irrappurtati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 28 għal kull assi prijoritarju.

Għall-iskop ta' punt (d) tal-ewwel subparagrafu, kwalunkwe ammont relatat ma' irregolarità rrappurtata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 28 għandu jkun identifikat min-numru ta' riferenza ta' dik l-irregolarità jew bi kwalunkwe metodu xieraq ieħor."

(b) qed jiddaħħlu l-paragrafi 2a u 2b li ġejjin:

"2a. Għal kull ammont imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 l-awtorità ta' ċertifikazzjoni għandha tindika jekk hiex titlob li s-sehem tal-Komunità jingħarr mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Jekk, fi żmien sena mid-data tas-sottomissjoni tad-dikjarazzjoni, il-Kummissjoni ma titlobx informazzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, ma tinfurmax bil-miktub lill-Istat Membru dwar l-intenzjoni tagħha li tiftaħ inkjesta fir-rigward ta' dak l-ammont jew ma titlobx lill-Istat Membru biex ikompli l-proċedura ta' rkupru, is-sehem tal-Komunità jkollu jingħarr mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

Iż-żmien ta' skadenza ta' sena m'għandux japplika f'każijiet ssuspettati jew stabbiliti ta' frodi.

2b. Għall-iskopijiet tad-dikjarazzjoni prevista fil-paragrafu 2, l-Istati Membri li għadhom m'adattawx l-euro bħala l-munita tagħhom sad-data meta tiġi sottomessa d-dikjarazzjoni għandhom jikkonvertu l-ammonti fil-munita nazzjonali għall-euro billi jużaw ir-rata tal-kambju msemmija fl-Artikolu 81(3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006. Fejn l-ammonti jirrelataw man-nefqa rreġistrata fil-kontijiet tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni matul aktar minn xahar wieħed, tista' tintuża r-rata ta' kambju li ntużat fix-xaharli matulu n-nefqa kienet l-aħħar irreġistrata."

(7) L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, fit-tieni subparagrafu, il-punti (l) sa (o) huma mibdula b'dan li ġej:

"(l) in-nefqa totali eliġibbli u l-kontribuzzjoni pubblika approvati għall-ħidma flimkien mal-ammont li jikkorrispondi magħhom tal-kontribuzzjoni tal-Komunità kkalkulati skont l-applikazzjoni tar-rata ta' ko-finanzjament tal-assi prijoritarju;

(m) in-nefqa u l-kontribuzzjoni pubblika ċċertifikati lill-Kummissjoni li huma affettwati mill-irregolarità u mill-ammont li jikkorrispondi magħhom tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għar-riskju kkalkulat mill-applikazzjoni tar-rata ta' ko-finanzjament tal-assi prijoritarju;

(n) fejn ma sar l-ebda ħlas tal-kontribuzzjoni pubblika lil nies jew entitajiet oħra identifikati fil-punt (k), l-ammonti li setgħu tħallsu meta mhux suppost kieku l-irregolarità ma ġietx identifikata;

(o) il-kodiċi tar-reġjun jew taż-żona fejn ġiet allokata jew fejn saret il-ħidma, billi jiġi speċifikat il-livell ta' NUTS jew b'xi mod ieħor;"

(b) fil-paragrafu 2, fl-ewwel subparagrafu, il-punti (b) u (c) huma mibdula b'dan li ġej:

"(b) każijiet li b'mod volontarju jinġiebu għall-attenzjoni tal-awtorità ta' ġestjoni jew tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni mill-benefiċjarju u qabel l-iskoperta minn kwalunkwe waħda minnhom, kemm qabel jew wara l-inklużjoni tan-nefqa kkonċernata f'dikjarazzjoni ċċertifikata sottomessa lill-Kummissjoni;

(c) każijiet li huma skoperti u kkoreġuti mill-awtorità tal-ġestjoni jew l-awtorità ta ċertifikazzjoni qabel l-inklużjoni tan-nefqa kkonċernata fid-dikjarazzjoni tan-nefqa sottomessa lill-Kummissjoni."

(c) Il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"3. Fejn parti mill-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, u b'mod partikolari l-informazzjoni li tikkonċerna l-prassi użati fit-twettiq tal-irregolarità u l-mod li bih ġiet skoperta, mhumiex disponibbli jew għandhom bżonn jitranġaw, l-Istati Membri għandhom, safejn jistgħu, jipprovdu l-informazzjoni nieqsa jew dik korretta meta jgħaddu r-rapporti sussegwenti ta' kull tliet xhur dwar l-irregolaritajiet lill-Kummissjoni."

(8) L-Artikolu 30 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-Artikolu 30

Rappurtaġġ ta' aġġornament

1. B'żieda mal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 28(1), l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn wara l-għeluq ta' kull tliet xhur, b'referenza għal kwalunkwe rapport magħmul qabel skont dak l-Artikolu, bid-dettalji li jikkonċernaw il-bidu, il-konklużjoni jew l-abbandun ta' kwalunkwe proċeduri biex jiġu imposti penali amministrattivi jew kriminali relatati mal-irregolaritajiet irrappurtati kif ukoll mal-eżitu ta' tali proċeduri.

Fir-rigward tal-irregolaritajiet li għalihom ġew imposti penali, l-Istati Membri għandhom ukoll jindikaw dan li ġej:

(a) jekk il-penali humiex ta' natura amministrattiva jew kriminali;

(b) jekk il-penali jirriżultawx minn ksur tal-liġi Komunitarja jew nazzjonali;

(c) id-dispożizzjonijiet fejn huma stabbiliti l-penali;

(d) jekk ġiex stabbilit li kien hemm frodi.

2. Għat-talba bil-miktub tal-Kummissjoni, l-Istat Membru għandu jipprovdi informazzjoni fir-rigward ta' irregolarità speċifika jew grupp ta' irregolaritajiet."

(9) L-Artikolu 33 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Kooperazzjoni mal-Istati Membri"

(b) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Bla ħsara għall-kuntatti msemmija f'paragrafu 1, fejn il-Kummissjoni tikkunsidra li, minħabba n-natura tal-irregolarità jistgħu jseħħu prassi identiċi jew simili fi Stati Membri oħra, hija għandha tissottometti l-kwistjoni lill-Kumitat konsultattiv għall-Koordinazzjoni tal-prevenzjoni ta' frodi stabbilita mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/140/KE (*).

Kull sena l-Kummissjoni għandha tinforma lil dak il-Kumitat u lill-kumitati msemmija fl-Artikoli 103 u 104 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 bl-ordni tad-daqs tal-Fondi affettwati mill-irregolaritajiet li ġew skoperti u bil-kategoriji diversi tal-irregolaritajiet, maqsuma skont it-tip u n-numru.

(*) ĠU L 61, 4.3.1994, p. 27."

(10) L-Artikolu 35 qed jitħassar.

(11) L-Artikolu 36 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni u t-tielet subparagrafi qed jitħassru.

(b) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri li għadhom m'adattawx il-euro bħala l-munita tagħhom sad-data meta jiġi sottomess ir-rapport skont l-Artikolu 28(1) għandhom jikkonvertu ammonti fil-munita nazzjonali għall-euro billi jużaw ir-rata tal-kambju msemmija fl-Artikolu 81 (3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.

Fejn l-ammonti jirrelataw man-nefqa rreġistrata fil-kontijiet tal-awtorità taċ-ċertifikazzjoni matul perjodu ta' aktar minn xahar wieħed, tista' tintuża r-rata ta' kambju li ntużat fix-xahar li matulu n-nefqa kienet l-aħħar irreġistrata. Fejn l-ispiża ma ġietx irreġistrata fil-kontijiet tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, għandha tintuża' l-aktar rata riċenti tal-kambju tal-kontijiet ppubblikata b'mod elettroniku mill-Kummissjoni."

(12) L-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Dispożizzjonijiet ġenerali"

(b) il-paragrafi 2 u 3 huma mibdula b'dan li ġej:

"2. L-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja, inklużi l-fondi ta' ishma, għandhom jiġu stabbiliti bħala entitajiet legali indipendenti li jiġu rregolati minn ftehimiet bejn l-imsieħba tal-ko-finanzjament jew bejn il-partijiet interessati jew bħala blokk separat ta' finanzi fi ħdan istituzzjoni finanzjarja.

Fejn l-istrument ta' inġinerija finanzjarja ikun fi ħdan istituzzjoni finanzjarja, dan għandu jiġi stabbilit bħala blokk separat ta' finanzi, soġġett għar-regoli ta' implimentazzjoni speċifiċi fi ħdan l-istituzzjoni finanzjarja, li jistipulaw, b'mod partikolari, li għandhom jinżammu kontijiet separati li jiddistingwu r-riżorsi l-ġodda li ġew investiti fl-istrument ta' inġinerija finanzjarja, inklużi dawk ikkontribwiti mill-programm operattiv, minn dawk li kienu disponibbli fil-bidu fl-istituzzjoni.

Il-Kummissjoni m'għandhiex issir imsieħba ta' ko-finanzjament jew parti interessata fl-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja.

3. Meta l-awtoritajiet ta' ġestjoni jew fondi tal-ishma jagħżlu l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja, l-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għandhom jissottomettu pjan ta' negozju jew dokument xieraq ieħor.

It-termini u l-kundizzjonijiet għall-kontribuzzjonijiet mill-programmi operattivi għall-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim ta' finanzjament, li għandu jiġi konkluż bejn ir-rappreżentant tal-istrument ta' inġinerija finanzjarja li ngħata mandat kif inhu xieraq u l-Istat Membru jew l-awtorità ta' ġestjoni, jew fejn applikabbli l-fond tal-ishma.

Il-ftehim tekniku għandu jinkludi minn tal-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) l-istrateġija u l-ippjanar tal-investiment;

(b) id-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;

(c) il-politika ta' ħruġ għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv 'il barra mill-istrument ta' inġinerija finanzjarja;

(d) id-dispożizzjonijiet tal-għeluq tal-istrument ta' inġinerija finanzjarja, inkluż l-użu mill-ġdid tar-riżorsi mitfugħa lura fl-istrument ta' inġinerija finanzjarja mill-investimenti jew minn dak li jkun fadal wara li l-garanziji kollha jkunu ġew onorati, li jistgħu jiġu attribwiti għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv."

(c) il-paragrafu 4 qed jiġi emendat kif ġej:

(i) is-sentenza tal-bidu hija mibdula kif ġej:

"L-ispejjeż tal-ġestjoni m'għandhomx jaqbżu, bħala medja fis-sena, għat-tul tal-għajnuna xi wieħed minn dawn il-limiti għoljin li ġejjin, sakemm ma jkunx meħtieġ perċentwali oġħla wara sejħa għall-offerti kompetittiva, skont ir-regoli li japplikaw:"

(ii) is-subparagrafu li ġej hu miżjud:

"Il-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu jistgħu jiżdiedu b' 0,5 % għar-reġjuni l-aktar imbiegħda."

(d) il-paragrafi 5, 6 u 7 huma mibdula b'dan li ġej:

"5. Il-profitti mill-investimenti tal-ishma, tas-self u ta' investimenti oħra rimborżabbli, u minn garanziji għal investimenti rimborżabbli, li minnhom jitnaqqas sehem *pro rata* tal-ispejjeż ta' ġestjoni u ta' inċentivi għal prestazzjoni, jistgħu jiġu allokati b'mod preferenzjali lill-investituri li joperaw skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. Tali profitti jistgħu jiġu allokati sal-livell ta' rimunerazzjoni stipulat fil-liġijiet lokali tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja, u għandhom imbagħad jiġu allokati b'mod proporzjonali fost l-imsieħba kollha ta' ko-finanzjament jew il-partijiet interessati.

6. Intrapriżi, kif ukoll sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat u proġetti oħra inklużi fi pjan integrat għal żvilupp urban sostenibbli, li huma appoġġjati minn strumenti ta' inġinerija finanzjarja, jistgħu wkoll jirċievu għotja jew assistenza oħra minn programm operattiv.

7. L-awtoritajiet ta' ġestjoni għandhom jieħdu prekawzjonijiet biex jimminimizzaw it-tagħwiġ tal-kompetizzjoni fil-kapital ta' riskju jew fis-swieq tas-self u fis-suq tal-garanzija privata."

(13) L-Artikolu 44 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fondi tal-ishma"

(b) il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. B'mod partikolari, il-ftehim tal-finanzjament li jissemma fil-paragrafu 1 għandu jagħmel dispożizzjoni għal:

(a) it-termini u l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjonijiet mill-programm operattiv għall-fond tal-ishma;

(b) sejħiet għal espressjoni ta' interess indirizzati lill-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja skont ir-regoli li japplikaw;

(c) l-evalwazzjoni u l-għażla tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja mill-fond tal-ishma;

(d) l-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-politika ta' investiment jew tal-pjanijiet u tal-azzjonijiet immirati lejn l-iżvilupp urban;

(e) ir-rappurtaġġ mill-fond tal-ishma lill-Istati Membri jew lill-awtoritajiet ta' ġestjoni;

(f) il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-investimenti;

(g) ir-rekwiżiti tal-verifika;

(h) politika ta' ħruġ tal-fond tal-ishma mill-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja;

(i) id-dispożizzjonijiet ta' xoljiment tal-fond tal-ishma, inkluż l-użu mill-ġdid tar-riżorsi mogħtija lura mill-investimenti magħmula jew minn dak li jkun fadal wara li l-garanziji kollha jkunu ġew onorati, li jistgħu jiġu attribwiti għall-kontribuzzjoni mill-programm operattiv.

Fil-każ ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja li jappoġġjaw l-intrapriżi, id-dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment u l-monitoraġġ tal-politika ta' investiment imsemmija fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu minn tal-inqas indikazzjoni tal-intrapriżi mmirati u l-prodotti ta' inġinerija finanzjarja li għandhom jiġu appoġġjati."

(c) Il-paragrafu 3 qed jitħassar.

(14) L-Artikolu 46 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa mibdul b'dan li ġej:

"Fondi għall-iżvilupp urban"

(b) il-paragrafi 1 u 2 huma mibdula b'dan li ġej:

"1. Fejn il-Fondi Strutturali jiffinanzjaw fondi ta' żvilupp urban, dawk il-fondi għandhom jinvestu fi sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat jew fi proġetti oħrajn inklużi fi pjan integrat għal żvilupp urban sostenibbli. Tali sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat jew proġetti oħra m'għandhomx jinkludu l-holqien u l-iżvilupp ta' strumenti ta' inġinerija finanzjarja bħalma huma l-kapital ta' riskju, il-fondi ta' self u ta' garanzija għall-intrapriżi.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-fondi ta' iżvilupp urban għandhom jinvestu permezz ta' self u garanzija, jew istrumenti ekwivalenti u permezz ta' ishma."

(15) L-Artikolu 47 huwa mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 47*

Interventi fil-qasam tal-akkommodazzjoni

1. Sabiex jiddeterminaw iż-żoni msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006, l-Istati Membri għandhom iqisu minn tal-inqas il-kriterji li ġejjin:

(a) livell għoli ta' faqar u esklużjoni;

(b) livell għoli ta' qgħad tul perjodu twil ta' żmien;

(c) xejriet demografiċi prekarji;

(d) livell baxx ta' edukazzjoni, nuqqasijiet sinifikanti fil-ħiliet u rati għoljin ta' studenti li jħallu l-iskola;

(e) livell għoli ta' kriminalità u ta' delinkwenza;

(f) ambjent partikolarment ta' telqa;

(g) livell baxx ta' attività ekonomika;

(h) numru għoli ta' immigranti, gruppi etniċi u ta' minoranzi, jew refuġjati;

(i) livell komparattivament baxx ta' valur tal-akkommodazzjoni;

(j) ivell baxx fil-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini.

2. L-interventi li ġejjin biss għandhom ikunu eliġibbli skont il-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006:

(a) ir-rinnovazzjoni ta' partijiet komuni ta' bini residenzjali għal aktar minn familja waħda.

(b) il-konsenja ta' akkommodazzjoni soċjali moderna ta' kwalità tajba permezz tar-rinnovazzjoni u tal-bidla fl-użu ta' bini eżistenti li jkun proprjetà ta' awtoritajiet pubbliċi jew ta' operaturi li joperaw mingħajr skop ta' profitt."

(16) Fl-Artikolu 50, il-paragrafu 3 hu sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ispejjeż li jissemmew fil-punt (b) tal-paragrafu 1 għandhom ikunu eliġibbli jekk ma jkunux ġejjin mir-risponsabilitajiet statutorji tal-awtorità pubblika jew mill-ġestjoni tagħha ta' kuljum, mill-monitoraġġ u ħidmiet ta' kontroll u għandhom x'jaqsmu jew man-nefqa li tħallset att-walment u direttament għall-ħidma kofinanzjata jew inkella ma' kontribuzzjonijiet in natura, kif imsemmi fl-Artikolu 51."

(17) Fl-Artikolu 52, qed jiżdied il-paragrafu li ġej:

"L-ewwel u t-tieni paragrafi għandhom japplikaw biss għal ħidmiet approvati qabel 13 ta' Ottubru 2009 u fejn l-għażla disponibbli għall-Istati Membri fl-Artikolu 7(4)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006 ma tkunx ġiet eżerċitata."

(18) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I għal dan ir-Regolament.

(19) L-Anness III huwa mibdul bit-test li jidher fl-Anness II ma' dan ir-Regolament.

(20) L-Anness IV huwa emendat skont l-Anness III ma' dan ir-Regolament.

(21) L-Annessi X u XI huma mibdula bit-test stipulat fl-Anness IV ma' dan ir-Regolament.

(22) L-Anness XIV huwa mibdul bit-test li jidher fl-Anness V ma' dan ir-Regolament.

(23) L-Anness XVIII huwa mibdul bit-test li jidher fl-Anness VI ma' dan ir-Regolament.

(24) L-Annessi XX, XXI u XXII huma mibdula bit-test li jidher fl-Anness VII ma' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-Punti (1) u (2) tal-Artikolu 1 għandhom japplikaw mis-16 ta' Jannar 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Settembru 2009.

Għall-Kummissjoni
Paweł SAMECKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Fl-Anness I, taħt l-intestatura “Internet ”, is-sentenza hija mibdula b’dan li ġej:

“PANTONE REFLEX BLUE jikkorrispondi għall-kulur tal-paletta tal-web RGB: 0/51/153 (eżadeċimali: 003399) u PANTONE YELLOW jikkorrispondi għall-kulur tal-paletta tal-web RGB: 255/204/0 (eżadeċimali: FFCC00).”

ANNESS II

"ANNESS III

LISTA TAD-DATA DWAR L-OPERAZZJONIJIET LI GĦANDHA TIĠI KKOMUNIKATA LILL-KUMMISSJONI META SSIR TALBA GĦALIHA GĦALL-ISKOP TA' KONTROLLI DOKUMENTARI U FIL-POST TAĦT L-ARTIKOLU 14

A. **Id-data dwar l-operazzjonijiet (skont id-deċiżjoni tal-approvazzjoni, kif ġiet emendata)**

Qasam 1.	Il-kodiċi CCI tal-programm operattiv
Qasam 2.	In-numru tal-prijorità
Qasam 3.	L-isem tal-fond
Qasam 4.	Il-kodiċi tar-reġjun jew taż-żona fejn tinstab/qed titwettaq l-operazzjoni (il-Livell NUTS jew ieħor, jekk adattat)
Qasam 5.	L-awtorità ta' ċertifikazzjoni
Qasam 6.	L-awtorità ta' ġestjoni
Qasam 7.	Il-korp intermedju li jiddikjara n-nefqa lill-awtorità ta' ċertifikazzjoni, jekk japplika
Qasam 8.	In-numru tal-kodiċi uniku tal-operazzjoni
Qasam 9.	Deskrizzjoni qasira tal-operazzjoni
Qasam 10.	Id-data tal-bidu tal-operazzjoni
Qasam 11.	Id-data tat-tmiem tal-operazzjoni
Qasam 12.	Il-korp li joħroġ id-deċiżjoni tal-approvazzjoni
Qasam 13.	Id-data tal-approvazzjoni
Qasam 14.	Ir-referenza tal-benefiċjarju
Qasam 15.	Il-munita (jekk mhux euro)
Qasam 16.	
Qasam 17.	L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli li trid titħallas mill-benefiċjarji
Qasam 18.	Il-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti
Qasam 19.	

B. **In-nefqa ddikjarata fuq l-operazzjoni**

Qasam 20.	In-numru ta' referenza intern tal-aħħar applikazzjoni għar-rimborż mill-operazzjoni
Qasam 21.	Id-data meta l-aħħar applikazzjoni għar-rimborż mill-operazzjoni ddaħħlet fis-sistema ta' monitoraġġ
Qasam 22.	L-ammont totali ta' nefqa eliġibbli mħallsa mill-benefiċjarji u li ġiet iddikjarata fl-aħħar applikazzjoni għar-rimborż mill-operazzjoni li ddaħħlet fis-sistema ta' monitoraġġ
Qasam 23.	L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli mħallsa mill-benefiċjarji li għaliha saru applikazzjonijiet għar-rimborż
Qasam 24.	Il-post fejn jinsabu d-dokumenti ta' appoġġ dettaljati għat-talba jekk mhux fl-uffiċċji tal-benefiċjarju
Qasam 25.	In-nefqa relatata mal-FEŻR għall-programmi operattivi kofinanzjati mill-FSE [1]
Qasam 26.	In-nefqa relatata mal-FSE għall-programmi operattivi kofinanzjati mill-FEŻR [2]
Qasam 27.	In-nefqa mħallsa f'żoni qrib iż-żoni eliġibbli (il-kooperazzjoni transkonfinali) [3]
Qasam 28.	In-nefqa mħallsa mill-imsieħba li jinstabu barra miż-żona (il-kooperazzjoni transnazzjonali) [4]
Qasam 29.	In-nefqa mħallsa barra l-Komunità (il-kooperazzjoni transkonfinali, il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni interreġjonali) [5]

Qasam 30.	In-nefqa mħallsa għax-xiri tal-art (6)
Qasam 31.	In-nefqa mħallsa għall-akkommodazzjoni (7)
Qasam 32.	In-nefqa mħallsa għal-spejjeż indiretti/ġenerali ddikjarati fuq bażi ta' rata fissa, spejjeż ta' rati fissi kkalkulati bl-applikazzjoni ta' tabelli standard ta' spejjeż unitarji u somom f'daqqa (8)
Qasam 33.	Id-dħul imnaqqas min-nefqa tal-operazzjoni u inkluż fid-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas
Qasam 34.	Korrezzjonijiet finanzjarji mnaqqsa min-nefqa tal-operazzjoni u inkluż fid-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas
Qasam 35.	L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli li ġiet iddikjarata mill-operazzjoni u li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni pubblika li ġiet inkluża fid-dikjarazzjoni tan-nefqa li ntbagħtet lill-Kummissjoni mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni (f'EUR)
Qasam 36.	L-ammont totali tan-nefqa eliġibbli li ġiet iddikjarata mill-operazzjoni u li tikkorrispondi għall-kontribuzzjoni pubblika li ġiet inkluża fid-dikjarazzjoni tan-nefqa li ntbagħtet lill-Kummissjoni mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni (valuta nazzjonali)
Qasam 37.	Id-data tal-aħħar dikjarazzjoni tan-nefqa tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni li tinkludi n-nefqa mill-operazzjoni
Qasam 38.	Id-data tal-verifiki li saru skont l-Artikolu 13(2)(b)
Qasam 39.	Id-data tal-verifiki skont l-Artikolu 16(1)
Qasam 40.	Il-korp li għamel il-verifika
Qasam 41.	

(1) Il-qasam 25: għandu jkun ipprovdut għall-programmi operattivi li ġew kofinanzjati mill-FSE fejn isir użu mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(2) Il-qasam 26 għandu jkun ipprovdut għall-programmi operattivi li ġew kofinanzjati mill-FEŻR fejn isir użu mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 34(2) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 jew mill-għażla li tissemma fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(3) L-Artikolu 21(1), tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(4) L-Artikolu 21(2), tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(5) L-Artikolu 21(3), tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(6) L-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(7) L-Artikolu 7(2)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1080/2006.

(8) L-Artikolu (7) tar-Regolament 1080/2006 u l-Artikolu (11) tar-Regolament 1081/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 12)."

ANNESS III

Fl-Anness IV, il-punt 5 li ġej huwa miżjud:

"5. Fejn in-numru tal-ħidmiet għal sena ta' riferenza partikolari mhuwiex biżżejjed biex jippermetti l-użu ta' metodu statistiku għall-għażla b'mod każwali tal-kampjun, jista' jintuża metodu li mhuwiex statistiku. Il-metodu applikat għandu jiżgura għażla b'mod każwali tal-kampjun. Id-daqs tal-kampjun irid jiġi ddeterminat billi jitqies il-livell ta' assigurazzjoni pprovdut mis-sistema, u għandu jkun biżżejjed biex jippermetti l-awtorità ta' verifika biex tagħmel konklużjonijiet validi (pereżempju riskju baxx ta' teħid ta' kampjuni) fuq it-tħaddim effettiv tas-sistema."

ANNESS IV

"ANNESS X

IĊ-ĊERTIFIKAT U D-DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA U L-APPLIKAZZJONI GĦAL ĦLAS INTERIM

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

. . . . . *Il-Fond jew il-Fondi kkonċernati*

Iċ-ċertifikat u d-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas

L-isem tal-programm operattiv .....

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ..... *ta'* .....

In-Nru ta' referenza (CCI) tal-Kummissjoni: .....

Referenza nazzjonali (jekk hemm) .....

IĊ-ĊERTIFIKAT

Jien, is-sottoskritt,

li nirrappreżenta l-awtorità ta' ċertifikazzjoni maħtura minn (1)

b'dan niddikjara li n-nefqa kollha inkluża fid-dikjarazzjoni mehmuża hija konformi mal-kriterji dwar l-eliġibbiltà tan-nefqa stabbiliti fl–Artikolu 56 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 u tħallset mill-benefiċjarji mal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet magħżula skont il-programm operattiv skont il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006

wara (2)	..	..	20..	u tammonta għal:	Euro (3)	

(iċ-ċifra eżatta sa żewġ postijiet deċimali)

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa mehmuża, imqassma skont il-prijorità, hija bbażata fuq kontijiet magħluqa provviżorjament fi:

..	..	20..

u tifforma parti integrali minn dan iċ-ċertifikat

Jien niċċertifika wkoll li l-operazzjonijiet mexjin 'il quddiem skont l-għanijiet li ġew stabbiliti fid-Deċiżjoni u skont ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u b'mod partikolari li:

(1) in-nefqa ddikjarata hija konformi mar-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli u li tħallset fejn għandhom x'jaqsmu l-operazzjonijiet magħżulin għal finanzjament skont il-kriterji li japplikaw għall-programm operattiv u r-regoli Komunitarji u nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari:

— Regoli dwar l-għajnuna tal-Istat,

— Regoli dwar l-akkwist pubbliku,

— Ir-regoli dwar il-ġustifikazzjoni tal-avvanzi fil-qafas tal-għajnuna tal-Istat skont l-Artikolu 87 tat-Trattat tal-KE permezz tan-nefqa mħallsa mill-benefiċjarju fi żmien skadenza ta' tliet snin;

(2) id-dikjarazzjoni tan-nefqa hija eżatta, tirriżulta minn sistemi ta' kontabbiltà affidabbli u hija bbażata fuq dokumenti ta' appoġġ verifikabbli;

(3) it-tranżazzjonijiet sottostanti huma skont il-liġi u jikkonformaw mar-regoli, u l-proċeduri ġew segwiti b'mod sodisfaċenti;

(4) id-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas iqisu, fejn japplika, kwalunkwe ammont irkuprat (4) u kwalunkwe imgħax fuq ħlasijiet li jsiru tard kif imsemmi fl-Artikolu 70(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, u tad-dħul li jakkumula minn operazzjonijiet iffinanzjati skont il-programm operattiv;

(5) l-analiżi statistika tal-operazzjonijiet sottostanti tiġi rreġistrata fuq fajls tal-kompjuter u tkun għad-dispożizzjoni tad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni meta tintalab.

Skont l-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, id-dokumenti ta' appoġġ qegħdin u se jkomplu jkunu disponibbli għal mill-inqas tliet snin wara l-għeluq tal-programm operattiv mill-Kummissjoni (mingħajr preġudizzju għall-kondizzjonijiet speċjali li ġew stabbiliti fl-Artikolu 100(1) ta' dak ir-Regolament)

Data	..	..	20..

L-isem b'ittri kbar, it-timbru, il-kariga u l-firma
tal-awtorità kompetenti

.....

(1) Indika l-istrument amministrattiv tal-ħatra skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006 b'kull referenza u bid-data.
(2) Id-data tar-referenza skont id-Deċiżjoni.
(3) Ammont totali ta' spejjeż eliġibbli mħallsa mill-benefiċjarji.
(4) L-Artikolu 20(2b) tar-Regolament (KE) Nru 1828/2006 għandu japplika b'rabta mar-rata tal-kambju.

Id-dikjarazzjoni tan-nefqa skont l-assi prijoritarju: Il-ħlas *interim*

Ir-referenza tal-Programm Operattiv (Numru CCI): .....

L-isem tal-programm: .....

Id-data tal-għeluq provviżorju tal-kontijiet: ..... Id-data meta jintbagħtu lill-Kummissjoni: .....

In-nefqa totali ċċertifikata u eliġibbli mħallsa: .....

L-Assi Prijoritarju	Il-bażi biex tkun ikkalkulata l-kontribuzzjoni Komunitarja (pubblika jew totali) (1)	2007-2015	
		L-ammont totali ta' spejjeż eliġibbli mħallsa mill-benefiċjarji	Il-kontribuzzjoni pubblika korrispondenti
L-Assi Prijoritarju 1			
L-Assi Prijoritarju 2			
L-Assi Prijoritarju 3			
It-total għar-reġjuni li ma jirċevux appoġġ tranżitorju			
It-total għar-reġjuni li jirċievu appoġġ tranżitorju			
L-għajnuna teknika: Total			
Is-somma finali			

NB: Jekk programm operattiv ikollu diversi għanijiet jew diversi Fondi, l-assi prijoritarju għandu jindika l-għan(ijiet) u l-Fond(i) ikkonċernati.

(1) Din ir-rata ta' kofinanzjament u l-metodu għall-kalkolu tagħha jinstabu fit-tabella finanzjarja tal-programm operattiv għall-assi pijoritarju kkonċernat.

L-APPLIKAZZJONI GĦALL-ĦLAS: Il-ħlas *interim*

L-isem tal-programm operattiv: .....

In-Nru ta' referenza tal-programm operattiv (CCI): .....

Il-Fond(i): .....

Skont l-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006, jien, is-sottoskritt (l-isem b'ittri kbar, it-timbru, il-kariga u l-firma tal-awtorità kompetenti), b'dan nitolbok tħallas, bħala ħlas intermedjarju, is-somma ta':

F'EUR	L-Għan ta' Konverġenza	L-Għan Ewropew tal-Kompetittività u tal-Impjiegi	L-Għan tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea
L-ERDF			
L-ESF			
Il-Fond ta' Koeżjoni			

Din l-applikazzjoni hija ammissibbli għaliex:

	Nichtzutreffendes bitte streichen
(a) matul il-perjodu kollu, għal kull assi prijoritarju, il-Kummissjoni ma ħallset xejn aktar mill-ammont massimu ta' għajnuna mill-Fondi kif kien stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operattiv.	
(b) l-awtorità ta' ġestjoni bagħtet lill-Kummissjoni l-aktar rapport annwali reċenti dwar l-implimentazzjoni skont l-Artikolu 67(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1083/2006.	— intbagħat mill-awtorità ta' ġestjoni fiż-żmien stabbilit — hu mehmuż — mhuwiex dovut
(c) m'hemm l-ebda opinjoni motivata min-naħa tal-Kummissjoni rigward ksur skont l-Artikolu 226 tat-Trattat tal-KE, fir-rigward tal-operazzjoni(jiet) li għaliha(hom) tiġi ddikjarata n-nefqa fl-applikazzjoni għall-ħlas.	

Il-ħlas għandu jsir mill-Kummissjoni lill-korp maħtur mill-Istat Membru sabiex jagħmel il-ħlasijiet

Il-Korp maħtur	
Il-Bank	
Nru tal-kont bankarju	
Id-Detentur tal-kont (fejn ma jkunx l-istess bħall-korp maħtur)	

Data | .. | .. | 20..

Isem b'ittri kbar, timbru, kariga u firma
tal-awtorità kompetenti

.....

Iċ-ċertifikat u d-dikjrazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas finali

Il-KUMMISSJONI EWROPEA

. . . . . *Il-Fond jew il-Fondi kkonċernati*

Iċ-ċertifikat u d-dikjarazzjoni tan-nefqa u l-applikazzjoni għall-ħlas

L-isem tal-programm operattiv .....

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ..... *ta'* .....

In-Nru ta' referenza (CCI) tal-Kummissjoni: .....

Referenza nazzjonali (jekk hemm) .....

IĊ-ĊERTIFIKAT

Jien, is-sottoskritt,

li nirrappreżenta l-awtorità ta' ċertifikazzjoni maħtura minn ([1])

